




# 200 sena mit-twelid tal-pittur tat-titular

Pietro Gagliradi twieled Ruma fl-1809 u ħa l-formazzjoni artistika tiegħu fl-Accademia di San Luca ta' Ruma, taħt it-treġija tal-artisti Tommaso Minardi, Vincenzo Camuccini u Gaspare Landi.

Fl-1833, ta' 24 sena, Gagliardi ddebutta fix-xena artistika bi tliet kwadri fis-Swali ta' Piazza del Popolo, Ruma. Dan wasslu biex is-sena ta' wara rċieva kummissjoni flimkien ma' Antonio Capalti biex jiddekoraw il-Kappella ta' Villa Borghese fi Frascati u aktar tard fl-1840 dik ta' Marino Torlonia f'Castel Gandolfo.

Il-fama tiegħu bħala pittur promittenti bdiet tikber mhux ħażin tant li fl-1842 il-Prinċep Alessandro Torlonia fdalu d-dekorazzjoni tas-swali ta' Palazzo Torlonia fi Piazza Venezia, Ruma. Sfortunatament dan il-Palazz twaqqa' fl-1902, b'uħud mill-affreski u dekorazzjonijiet ta' Gagliardi kienu salvati u esebiti fil-Museo di Roma.



**Pietro Gagliardi, Awtoritratt, c. 1875, Accademia di San Luca, Ruma**

## Imqabbad mill-Papa

Kien appuntu f'dan iż-żmien li l-Papa Piju IX sejjaħ xi artisti, fosthom Pietro Gagliardi, biex jirrinovaw il-bażiliċi u l-knejjes ta' Ruma.

L-arti ta' Gagliardi f'dan il-porġett vast ta' rinovazzjoni hi xhieda ta' kemm kien fost l-iprem artsti tal-Papa Piju IX fit-twettiq tal-programm ideo-ikonografiku li s-Santa Sede riedet tifrex ma' Ruma u fil-bqija tal-Italja f'nofs is-Seklu XIX biex isaħħaħ id-duttrina Kattolika kontra r-razzjonaliżmu li ħakem lir-Repubblica Romana mwaqqfa fl-1849.

F'dan il-perjodu Gagliardi ħalla mpatt kbir permezz ta' diversi ċikli dekorattivi u kompożizzjonijiet sagri f'diversi knejjes Rumani, fosthom f'Sacro Cuore alla Lungara fl-1843, f'San Girolamo degli Illirici bejn l-1847 u l-1852, fil-Bażilika Maġġuri ta' San Paolo fuori le Mura fl-1850, f'Spirito Santo dei Napoletani bejn l-1852 u l-1868, fl-Oratorju ta' San Francesco Saverio detto del Carovita fl-1854, f'San Salvatore in Lauro fl-1862, f'Sant'Agostino bejn l-1856 u l-1866 u f'Santa Maria in Aquiro fl-1868.

Fil-knisja Agostinjana ta' Sant'Agostino Gagliardi kien afdat mill-Papa Piju IX b'waħda mill-akbar kummissjonijiet artistiċi: ċiklu ta' tnax-il affresk li juri l-ħajja tal-Madonna flimkien ma' profeti u eroini mit-Testment il-Qadim.

F'din il-knisja Gagliardi wera l-kapaċità tiegħu l-aktar fl-eżekuzzjoni tal-profeti fejn il-pittur kellu jaddotta l-istess stil u disinn li uża Raffaello Sanzio da Urbino fl-1512 meta pitter il-figura tal-profeta Isaija fuq wieħed mill-pilastri tan-navata tal-knisja.

## F'Ruma u lil hinn minnha

Gagliardi ħadem lill'hinn minn belt twelidu partikolarment fir-reġjun ta' Lazio fosthom fil-Knisja ta' Santa Maria della Sughera f'Tolfa fl-1851, f'San Pietro madwar l-1850 u fid-Duomo ta' Albano fl-1853.

Wara l-proklama tad-Domma tal-Konċepiment Immakulat tal-Madonna fl-1854, Pietro Gagliardi stabilixxa ruħu bħala pittur rinomat fl-eżekuzzjoni ta' kompożizzjonijiet Marjani b'diversi kwadri tal-Kunċizzjoni fosthom fil-knejjes ta' San Rocco u f'dik ta' San Vito u Sant'Ignazio f'Ruma.

Fis-snin 50 tas-Seklu XIX Pietro Gagliardi eżegwixxa xi xogħlijiet f'Villa Aldobrandini fi Frascati u fil-kappella tal-villa ddedikata lil San Bastjan, fejn pitter koppla finta bit-tema *'il Trionfo dello Spirito Santo'*.

Il-ħila artistika tiegħu wasslitu fl-Accademia di San Luca fl-1858 u aktar tard fl-1860 il-Prinċep Antonio Boncompagni-Ludovisi qabbad lil Pietro Gagliardi jpitter il-ħajja tal-Papa Gregorio XIII f'Palazzo dell'Aurora f'Ruma.

Madwar l-1860 Gagliardi rċieva kummissjoni biex jiddekora it-Teatro Argentina u ħalla xogħlijiet oħrajn fosthom fil-Bażiliċi ta' San Lorenzo in Damaso u dik ta' Santa Prudenziana al Viminale, fl-Oratorju tas-SS Sagrament u fil-knejjes Rumani ta' San Ignazio, SS Nome di Gesù u dik ta' Santi Quirico e Giuditta.

## F'Malta

Kien f'dan iż-żmien li l-kummissjonijiet artistiċi barra minn pajjiżu bdew joktru mhux ħażin, fosthom f'Malta permezz ta' diversi kuntatti li l-Kurja Maltija kellha ma' Ruma. Fil-fatt f'dan il-perjodu kienu bosta l-artisti Taljani li tqabbdu jpittru f'Malta fosthom Domenico Bruschi, Francesco Grandi u Filippo Venuti.

F'Malta Pietro Gagliardi kien ikkummissjonat ipitter il-kwadri titulari ta' tliet Parroċċi. L-ewwel wieħed kien il-kwadru titulari li juri *'l-Annunzjazzjoni'* għall-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien. Dan sar b'kummissjoni lil Gagliardi mill-Isqof Gaetano Pace Forno fl-1874. Sewa mitejn lira u tħallas mill-familja benestanti Abela, kif turi l-arma mpittra fir-rokna tal-kwadru, li kellha r-residenza tagħha quddiem il-Knisja ta' San Bert.

Ftit taż-żmien wara Gagliardi tqabbad mill-Kappillan ta' Ħal Tarxien Dun Pawl Lauron biex ipitter sotto-kwadru ġdid li juri lill-*'Madonna Tron tal-Għerf'*. Dan tqiegħed taħt il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fuq l-artal tagħha fil-Knisja Parrokkjali.

Fl-1879 Gagliardi tqabbad ipitter *'Il-Madonna tal-Karmnu'* għall-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija fil-Gudja u s-sena ta' wara fl-1880 Gagliardi tqabbad ipitter il-kwadru titulari li juri *'l-Assunzjoni ta' Marija'*. Dan il-kwadru titulari tal-Gudja spiċċa biex kien kważi kkupjat b'differenzi minimi minn Filippo Venuti meta fl-1896 pitter il-kwadru titulari tal-Imqabba.

Ftit wara li l-Ħamrun sar parroċċa ġdida fl-1875, li l-Isqof Gateano Pace Forno waqqaf għall-qaddis li jġib ismu San Gejtanu ta' Tiene, l-istess Isqof ordna għand Gagliardi kwadru titulari

ġdid ta' *'San Gejtanu'* biex jitqiegħed fil-knisja parrokkjali ġdida. Il-kwadru qam mitt lira u tħallas mill-Isqof Pace Forno stess.

Barra dawn it-tliet kwadri titulari Gagliardi pitter ukoll il-kwadru li juri *'il-Patroċinju tal-Madonna fuq Malta'* għall-Katidral tal-Imdina. Dan jinsab fit-tieni kappella laterali fuq ix-xellug hekk kif tidħol fil-Knisja Katidrali. Fl-istess kappella Gagliardi tqabbad mill-Kapitlu Katidrali biex ipitter ukoll iż-żewġ lunetti laterali li juru *'l-Assunzjoni ta' Marija'* u *'l-Inkurunazzjoni tal-Madonna'*.

Il-Madonna tidher bilqegħda fuq sħaba żżomm lil Binha Ġesù weqfin fl-ajru 'l fuq mill-inħawi tal-Belt Valletta u l-portijiet prinċipali Maltin. Maġenbhom anġlu jistidinhom biex ibierku lil Malta u jħarsuha minn kull tiġrib waqt li għadd ta' anġli oħrajn jidhru jżommu strixxa bil-kliem *'Maria Melitæ Patrona'*.

Pietro Gagliardi pitter ukoll il-kwadru ta' *'San Ġużepp'* għall-Knisja tal-Patrijiet Minuri, msejjħa ta' Ġieżu fir-Rabat u l-*'Madonna tas-Sacro Cuor'* għall-Knisja Arċipretali ta' San Publiju fil-Furjana.

Gagliardi ma naqasx lanqas li jkun ikkummisjonat b'xogħlijiet artistiċi għall-knejjes tal-Belt Valletta fosthom dawk tal-ordnijiet reliġjużi Agostinjani u Franġiskani. Fil-Knisja Parrokkjali ta' Santu Wistin tqabbad ipitter sotto-kwadru ta' *'San Ġużepp'* u fl-1884 Pietro Gagliardi pitter il-*'Kunċizzjoni'* għall-Knisja ta' San Franġisk ta' Assisi tal-Franġiskani Konventwali, magħrufa bħala ta' Putirjal. Fl-istess sena pitter kwadru ta' *'San Franġisk t'Assisi'* għall-Knisja tal-Patrijiet Minuri, msejħa ta' Ġieżu, fil-Belt.

## Ritrattista mill-aqwa

Intant f'pajjiżu Pietro Gagliardi kiseb fama kbira bħala ritrattista b'għadd kbir ta' nobbli u dinjitarji ppużawlu biex ipittirhom. Fost l-aqwa ritratti (*portraits*) Gagliardi pitter lilu nnifsu meta kien għadu żagħżugħ ta' madwar 25 sena.

Dan l-awtoritratt juri li Gagliardi, sa minn età żgħira, diġa kien kiseb ċertu maturità artistika partikolarment fl-attenzjoni kbira lid-dettall espressiv tal-uċuħ. F'din it-tila (ċm 94 x 62) li tinsab fil-Museo di Roma, Gagliardi jidher bħala artist żagħżugħ professjonista li fil-ħarsa tiegħu, partikolarment xufftejh u għajnejh, wieħed malajr jindividwa l-volontà u l-affirmazzjoni tal-pittur.

Fl-istess Museo di Roma jinsab awtoritratt ieħor ta' Pietro Gagliardi meta kellu madwar 40 sena (ċm 58 x 44). F'dan jispikkaw b'mod partikolari l-pinzellati tal-leħja u xagħar l-artist.

Intant fl-Accademia di San Luca jinsab awtoritratt ieħor ta' Pietro Gagliardi mpitter madwar l-1875, fl-istess żmien li pitter il-kwadru titulari tal-Lunzjata. Fih tispikka l-maturità artistika tal-pittur, żmien li matulu Gagliardi laħaq il-quċċata artistika fil-karriera tiegħu.

Wara li ħalla bosta wirt artistiku mprezzabbli u għażiż bil-bosta, Pietro Gagliardi miet fi Frascati, fl-1890 fl-età ta' 81 sena.


Bibjografija

Buhagiar, M., *Iconography of the Maltese Islands 1400-1900*, Progress Press – Malta, 1988

Castelnuovo, E. (ed.), *La Pittura in Italia – L'Ottocento*, Electa – Milano, 1991

Gauci, G. (ed.), *Sacred Art in Malta 1890-1960*, Said Int. – Malta, 1990